MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**AUDREY DEMICOLI**

Seduta tal-11 ta' Gunju, 2010

Numru. 471/2003

**Il-Pulizija**
**Spettur Angelo Gafa'**

**vs**

**Melvin Theuma**

Il-Qorti;

Rat li l-imputat Melvin Theuma ta' 25 sena, bin (late) Charles u Carmen nee' Farrugia, imwieled Pieta' fit-12 ta' Frar 1978 u residenti Bring G Stable, Sqaq il-Gerrejja, Marsa u detentur tal-karta tal-identita' bin-numru 144578(M) gie mressaq quddiemha akkuzat talli:

F'diversi bnadi f'dawn il-Gzejjer, fil-perjodu ta' qabel it-28 ta' April 2003, u l-perjodu ta' wara, b'diversi atti maghmulin fi zminijiet differenti, li kisru l-istess

dispozizzjoni tal-Ligi u li gew maghmula b'rizoluzzjoni wahda;

1. Ircieva minghand xi hadd iehor jew kiseb minghand xi hadd iehor xi weghda li tinghata lilu jew lil ohrajn, b'korrispettiv ghal xi self, mghaxijiet jew xi qligh iehor taht liema ghamla jkun b'eccess minn dak li jkun permess bil-Ligi, u dan bi ksur ta' l-artikoli 298C tal-Kap.9 tal-Ligijiet ta' Malta;

2. Fl-istess zmien, lok u cirkostanzi, ingurja jew hedded bi kliem lil Tony Muscat, u l-Frida Muscat u dan bi ksur ta' l-artikolu 339(1) (e) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Il-Qorti kienet gentilment mitluba sabiex jekk ikun il-kaz, u f'kaz ta' htija, tapplika l-artikolu 383 tal-Kap.9, u dan ghas-sigurta' tal-vittmi.

Rat l-atti kollha ta' dan il-procediment u d-dokumenti esebiti, inkluz il-kunsens tal-Avukat Generali datat 29 ta' Mejju 2003 (esebit a fol. 6 tal-process) sabiex dawn il-proceduri jigu trattati bi procedura sommarja u decizi minn din il-Qorti.

Rat li l-imputat waqt l-ezami li sarlu fis-seduta tas-26 ta' Gunju 2003 iddikjara li ma kellux oggezzjoni li l-kaz tieghu jigi trattat bi procedura sommarja u deciz minn din il-Qorti fil-kompetenza taghha surreferita.

Semghat il-provi;

Semghat it-trattazzjoni mill-Prosekuzzjoni u mid-Difiza.

Ikkunsidrat:

Illi fil-kaz odjern l-imputat jinsab addebitat b'zewg imputazzjonijiet, l-ewwel imputazzjoni tirrigwarda r-reat ta' uzura kontemplat fl-Artikolu 298C tal-Kodici Kriminali u t-tieni wahda tirrigwarda r-reat kontravenzjonali ta' theddid u ngurji kontemplat fl-Artikolu 339(1)(e) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta. Il-Prosekuzzjoni bdiet dawn il-proceduri

wara li fit-28 ta’ April 2003 sar rapport minn certu Tony Muscat. Huwa qal lil Pulizija li kien isellef is-somma ta’ Lm10,000 minghand l-imputat, li kien diga’ hallas lura s-somma ta’ Lm5,000 bhal lump sum payment u spjega li kien qed ihallas lura f’pagamenti fil-gimgha ta’ Lm150. Huwa ma semma xejn lil Pulizija dwar rati ta’ imghax. Mix-xhieda tal-Ufficjal Investigattiv, l-Ispettur Bernard Zarb (xhieda inserita a fol. 10 sa 12 tal-process) jirrizulta li meta ghamel ir-rapport Tony Muscat kien mifxul ghaliex kellu il-vizzju tal-loghob u kellu dejn ma diversi nies. Huwa qal lil Pulizija li kellu l-mobile number u n-numru tal-vettura ta’ Melvin Theuma. Tony Muscat ghamel ir-rapport lil Pulizija ghaliex allega li kien hemm incident li gara Bugibba fejn gie mhedded mill-imputat. Mix-xhieda tal-Ispettur Bernard Zarb jirrizulta wkoll li huwa qatt ma kien sema’ bl-imputat Melvin Theuma qabel bhala persuna li jislef il-flus, huwa qal ukoll li l-imputat mal-ewwel mar id-Depot meta gie msejjah minnu u spjega li meta saru tfittxijiet fir-residenza tal-imputat, fl-istalla propjeta’ tieghu u fil-vettura tieghu ma nstab xejn relatat mas-self tal-flus jew mal-uzura.

Tony Muscat xehed f’dawn il-proceduri fl-udjenza tas-26 ta’ Gunju 2003 (traskrizzjoni tax-xhieda relattiva nserita a fol. 17 sa 22 tal-process) fejn spjega li huwa kellu l-vizzju tal-loghob u kien jilghab fuq iz-zwiemel u kien hemmhekk li sar jaf lill-imputat ghaliex dan tal-ahhar kien jahdem il-Marsa maz-zwiemel. Huwa qal li xi erba’ xhur qabel kien isellef is-somma ta Lm3,000 minghand l-imputat u wara gimghatejn rega’ ssellef is-somma ta’ Lm1,000 ghaliex kien hallas lura l-ammont li ssellef l-ewwel darba. Wara ftit izda Tony Muscat qal li kien ghad baqghalu jhallas xi haga mill-ewwel self, u qal li l-ewwel darba kien isellef Lm2,000 u ta lura lill-imputat Lm5,000. Huwa qal ukoll li lill-imputat kien ihallsu Lm150 fil-gimgha u meta isellef l-Lm2,000 l-imputat qallu li kellu jaghtih lura Lm5,000. Huwa mbaghad qal li lahaq hallas lura Lm3,000 u rega’ kkorega ruhu u qal li originarjament kien issellef Lm3,000. Huwa qal ukoll li ma sar ebda ftehim bil-miktub bejnu u bejn l-imputat ghaliex huma fdaw lil xulxin. Huwa mbaghad qal li kien hallas lura lill-imputat is-somma ta’ Lm5,000 f’daqqa ghaliex l-imputat kien imur idejqu Bugibba u huwa ghalhekk issellef dan l-ammont minghand omm il-mara u

hallsu lill-imputat. Huwa spjega li mar jaghmel rapport lil Pulizija ghaliex l-imputat kien mar u sabu Bugibba meta huwa kien gewwa hanut akkompanjat minn martu u l-imputat kien irrabbjat u beda jghidlu li ried kollox. Tony Muscat aktar tard fix-xhieda tieghu qal li kien ihallas is-somma ta' Lm120 fil-gimgha u qal li meta kien ihallas lump sum payment l-ammont li kien hallas fil-gimgha ma kienux jghoddu sabiex jinqatghu mill-pagament ta' dak li kien issellef. Tony Muscat qal li huwa ghad fadallu jhallas lill-imputat is-somma ta' Lm2,000 u spjega li kien mar ghand il-Pulizija jaghmel rapport ghaliex kien xeba mid-dinja u kien xeba' bin-nies jigru warajh ghal flus li ma kellux jaghti. In kontro-ezami dan ix-xhud ikkonferma li kellu l-vizzju tal-loghob u qal li hemm xi erba' jew hamsa min-nies ohra li ghandu jaghtihom il-flus ghaliex kien jissellef minghandhom minhabba il-vizzju tal-loghob. Huwa imbaghad qal li l-ewwel darba kien issellef Lm1,000 minghand l-imputat u t-tieni darba issellef Lm1,000 u tah lura Lm1,000 fuqhom u imbaghad issellef Lm3,000 ohra.

Fid-29 ta' April 2003 l-imputat irrilaxxja stqarrija (inserita a fol. 14 sa 16 tal-process) fejn huwa ghazel li ma jwegibx ghad-domandi li sarulu. Huwa izda ghazel li jixhed fil-proceduri odjerni u x-xhieda relattiva tinsab inserita a fol. 65 sa 68 tal-process fejn spjega li huwa kien ilu jinzel il-Marsa minn mindu kellu tlettax il-sena ghaliex kien imur ma' missieru sabiex jiehdu hsieb iz-zwiemel li kellu missieru. Huwa jghid li sar jaf lil Tony Muscat hemmhekk meta kellu tmintax il-sena. Huwa jghid ukoll li meta marad missieru kienu bieghu iz-ziemel u huwa kien dahal jahdem ma certu Mario Xuereb jiehu hsieb iz-zwiemel. L-imputat spjega li meta miet missieru Tony Muscat kien mar fuqu u talbu jaghmillu pjacir u jsellfu s-somma ta' Lm2,000 u meta huwa rrispondih li ma kellux minn fejn igib Lm2,000 Tony Muscat baqa' jinsisti u qallu li kien ghadu kemm miet missieru u allura zgur li kien wiret xi haga. L-imputat jispjega li peress li dan Tony Muscat kien habib tieghu huwa kien selfu Lm2,000 li kien wiret minghand missieru u kienu ftehmu li Muscat kellu jhallas lura dan l-ammont bir-rata ta' Lm100 fix-xahar. L-imputat jispjega li Muscat zamm ma dan il-ftehim ghall-ewwel tlett xhur biss izda

mbaghad ma hallas xejn aktar u ma baqghax imur lejn il-Marsa. Meta huwa kien icempillu Muscat ma kienx jirrispondi u meta prova icempillu bi private number Muscat kien jirrispondi u mbaghad jaghraf lehnu u jaqta'. L-istess haga kien jaghmel meta l-imputat prova jcempilllu bit-telephone tat-tfajla tieghu. L-imputat jghid li huwa kien mar ifittex lil Muscat Bugibba u jammetti li kien qallu li ser jispicca sabiex jghallih jekk ma jhallsux izda jghid li ma uza ebda forza u li qal dawn il-kliem ghaliex kien irrabjat u ried flusu lura ghaliex huwa kien jahdem minn filghodu sa filghaxija sabiex jaqla' l-ghejxien tieghu. L-imputat jichad dak li qal Tony Muscat meta xehed f'dawn il-proceduri u nsista li huwa kien silef lil Muscat is-somma ta' Lm2,000 biss u qal ukoll li ma saret l-ebda skrittura bejniethom ghaliex kien fdah lil Muscat ghaliex kien habib tieghu. L-imputat spjega inoltre li meta huwa kien mar ghand l-avukat tieghu Dr. Matthew Brincat sabiex jibda proceduri legali kontra Tony Muscat dan kien tah parir li kien inutli li jibda dawn il-proceduri ghaliex Tony Muscat kellu jaghti l-flus lil hafna nies u ghalhekk kien jispicca sabiex jaghmel l-ispejjes ta' xejn ghaliex ma jkollux x'jehodlu.

Ikkunsidrat:

Illi f'dan il-kaz il-Prosekuzzjoni qed tibbaza il-kaz taghha kontra l-imputat fuq ix-xhieda ta' Tony Muscat. Il-Qorti wara li qrat ghal aktar minn darba dak li xehed Tony Muscat fil-proceduri odjerni u wara li ezaminat bir-reqqa il-provi migjuba mill-Proskeuzzjoni f'dan il-kaz ma tistghax ma taqbilx ma dak sottomess mid-Difiza fir-rigward tax-xhieda ta' Tony Muscat u cioe' li dak li xehed fil-konfronti tal-imputat m'huwiex kredibbli u difficilment jista' jitwemmen. Dan ix-xhud fil-fatt xehed b'mod ghal kollox konfuzjonarju dwar l-ammonti li suppost issellef minghand l-imputat u dwar il-pagamenti li suppost ghamel lill-istess imputat. Huwa l-ewwel jghid li ssellef Lm3,000 imbaghad jikkoregi ruhu u jghid li sellef Lm2,000 u mbaghad jerga' jikkoregi ruhu u jghid li ssellef Lm3,000 u imbaghad in kontro-ezami jghid li l-ewwel kien issellef Lm1,000 mbaghad kien issellef Lm1,000 u sussegwentement issellef Lm3,000 f'daqqa. Huwa inoltre l-ewwel jghid li kien ihallas pagamenti ta' Lm150 fil-gimgha u wara ftit jghid li

kien ihallas pagamenti ta’ Lm120 fil-gimgha. Irid jigi rilevat li l-Ispettur Bernard Zarb qal li Muscat kien irrapporta li kien issellef is-somma ta’ Lm10,000 minghand l-imputat filwaqt li meta mar jaghmel rapport l-Ghassa tal-Qawra kien qal lil PS 614 Saviour Garcia li kien issellef is-somma ta Lm5,000 minghand l-imputat (ara okkorenza a fol. 37 u 38 tal-process). Huwa inoltre ferm rilevanti li wiehed jinnota li meta l-avukat difensur tal-istess Tony Muscat fuq ordni tal-Qorti prova jabbozza dokument fejn jindika l-ammonti li kien issellef Tony Muscat minghand l-imputat u l-ammonti li kien hallas lura dan irriskontra diffikultajiet kbar kif jirrizulta mid-dokument esebit a fol. 28 tal-process redatt minn Dr. Joseph Brincat li jiddeskrivi x-xhieda moghtija minn Tony Muscat bhala xejn illuminanti. Meta wiehed imbaghad iqis li Tony Muscat huwa gambler u mdjun ma diversi nies kif jammetti huwa stess in kontro-ezami u meta wiehed jara l-mod ghal kollox konfuzjonarju li huwa xehed f’dawn il-proceduri wiehed ma jistghax ma jkollux dubji serji dwar dak li qed jallega l-istess Muscat fil-konfronti tal-imputat. Il-Prosekuzzjoni f’dan ir-rigward ppruvat tghid li Tony Muscat gie emnut minn din il-Qorti kif diversament presjeduta meta huwa xehed fi proceduri separati mehuda fil-konfronti ta’ certu George Xuereb li wkoll kien issellef flus minghandu u li nstab hati ta’ uzura. Il-Qorti izda jidrilha li l-fatt li Tony Muscat twemmen f’dawk il-proceduri ma jfissirx li huwa ghandu jitwemmen fil-proceduri odjerni. Il-Qorti tirrileva li dan Tony Muscat xehed fil-proceduri odjerni li huwa mar jaghmel rapport mal-Pulizija ghaliex kien idejjaq mid-dinja u idejjaq bin-nies jigru warajh ghal flus. Huwa ghalhekk plawzibbli li huwa sabiex jehles minn dawk kollha li kellu jaghtihom il-flus ghamel rapport lil Pulizija fil-konfronti ta’ kulhadd izda dan ma jfissirx li ghaliex huwa issellef xi flus minghand uzuraj kull min isellef il-flus minghandu sabiex jissostanzja il-vizzju tal-loghob kien uzuraj. Huwa pjuttost indikattiv li kemm l-Ufficjal Investigattiv kif ukoll Dr. Peter Borg Costanzi xehdu li huma qatt ma kienu semghu b’isem l-imputat in konnesjoni mal-uzura u inoltre l-Ispettur Zarb xehed li meta saret tfittxija kemm fir-residenza tal-imputat kif ukoll fl-istalla u fil-vettura tieghu ma nstab xejn konness mal-uzura bhal per ezempju notebooks b’entrati dwar pagamenti. Tenut kont ta’ dan kollu l-Qorti jidrilha li l-

Prosekuzzjoni ma tistghax titqies li ppruvat lil hinn minn kull dubju dettat mir-raguni li l-imputat ezercita xi forma ta' uzura fil-konfronti ta' Tony Muscat.

Il-Qorti jidrilha li lanqas it-tieni mputazzjoni ma tirrizulta ppruvata sal-grad rikjest mill-ligi ghaliex kull ma jirrizulta mill-provi huwa li l-imputat kien irrabjat u qal lil Muscat illi kien ser jghallih izda l-istess Muscat qal li ma kien hemm ebda forma ta' theddid jew xi swat jew vjolenza. Il-Qorti jidrilha li l-kliem li qal l-imputat ma jistghux jitqiesu li huma theddid jew ingurji u ghalhekk l-imputat sejjer jigi dikjarat mhux hati tat-tieni akkuza migjuba fil-konfronti tieghu.

Ghal dawn il-motivi l-Qorti tiddikjara lill-imputat mhux hati tal-akkuzi migjuba fil-konfronti tieghu u konsegwentement tilliberah mill-istess akkuzi.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------